MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 1476/2001/1

**John Grech**

**v.**

**Ivan Mifsud u b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2001 gew imsejha fil-kawza Tarcisio Galea Properties Ltd u Tarcisio Galea Construction Ltd**

Il-Qorti

Dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' April, 2013, li bih cahdet talba tas-socjetajiet kjamati fil-kawza li jressqu provi ulterjuri.

Il-provi f'din il-kawza kienu qed jingabru mill-Assistent Gudizzjarju mahtur mill-ewwel Qorti ghal dan il-ghan. Il-provi damu zmien twil biex jingabru, izda din il-Qorti tirrileva li meta l-kawza kienet fi stadu ta' gbir tal-provi tal-kjamati fil-kawza saru hdax-il seduta ghal dak l-iskop li minnhom il-kjamati fil-kawza utilizzaw biss wahda!

Wara li nghalqu l-provi, l-ewwel Qorti talbet li jigu skambjati noti tal-osservazzjonijiet, izda meta l-attur ipprezenta n-nota tieghu, b'nota tad-9 ta' Novembru, 2012, irtira l-ewwel erba' talbiet tieghu, filwaqt li zamm ferm il-hames sas-seba' talba, kif ukoll it-talba ghall-ispejjez.

Wara l-prezentata ta' din in-nota, il-kjamati fil-kawza ressqu rikors fit-12 ta' Frar, 2013, li fih, wara li allegaw li "l-attur biddel il-binarju tal-kawza", talbu li jressqu bhala xhieda lir-rapprezentant tal-Bank of Valletta, Estate Agent, in-Nutar Keith Ryan Calleja, l-attur, Stephen Attard u rapprezentant tal-MEPA, tat-Taxxi Interni u tas-socjetajiet kjamati fil-kawza.

L-attur oppona t-talba ghax qal li ma hux minnu li inbiddlu l-binarji tal-kawza, u li fuq it-talbiet li thallew saru diversi provi mill-partijiet; sostna li r-rikors tas-socjetajiet kjamati fil-kawza "m'huwiex hlief attentat biex jergghu jifthu l-istadju tal-provi minghajr ma jezistu ragunijiet li jiggustifikaw dan".

L-ewwel Qorti ttrattat dan ir-rikors fl-udjenza tal-24 ta' April, 2013. Wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, l-ewwel Qorti tat lill-kjamati fil-kawza xahar biex jindikaw il-persuni li jridu jressqu bhala xhieda "bid-domandi kollha relattivi li jixtieq jaghmillhom". Is-socjetatjiet kjamati fil-kawza ilmentaw minn din l-ordni u l-ewwel Qorti, ghalhekk, cahdet it-talba ghal smiegh ta' provi ulterjuri.

Is-socjetajiet kjamati fil-kawza ressqu dan l-appell u jargumentaw illi huma ghandhom dritt li jressqu provi u ma kienx gust li gew imcahhda minn dan id-dritt.

Din il-Qorti ma tarax li l-ilment tas-socjetajiet kjamati fil-kawza hu gustifikat.  Hu car li mehud kont ta' dak li gara tul is-smiegh tal-provi, it-talba taghhom ma hi xejn hlief tentattiv fjakk biex iressqu provi li kellhom jipproducu fi zmien opportun.  Nonostante dan, l-ewwel Qorti kienet propensa tikkoncedilhom opportunita` ghas-smiegh ta' provi ulterjuri, pero`, korrettement, riedet tkun taf l-iskop tax-xhieda u d-domandi li kien mistenni li jsirulhom.  Din l-ordni tal-ewwel Qorti ghandha titqies ragjonevoli meqjus l-atteggjament antecedenti tal-kjamati fil-kawza, u dan ukoll biex tassigura li l-provi ulterjuri jkunu verament marbuta man-nota tal-attur tad-9 ta' Novembru, 2012.  Is-socjetajiet kjamati fil-kawza ma kellhomx ragun, fic-cirkostanzi, li jilmentaw mill-ordni tal-ewwel Qorti, u darba li ma riedux jikooperaw mal-Qorti, kellha ragun l-ewwel Qorti tichad it-talba taghhom.

Kollox ma' kollox, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti mxiet hazin mas-socjetajiet kjamati fil-kawza, u m'hijiex ghalhekk, sejra tilqa' dan l-appell.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad dan l-appell tas-socjetajiet kjamati fil-kawza Tarcisio Galea Properties Ltd. u Tarcisio Galea Construction Ltd., u tikkonferma d-digriet tal-ewwel Qorti tal-24 ta' April, 2013.

L-ispejjez marbuta ma' dan l-incident ghandhom jithallsu mis-socjetajiet kjamati fil-kawza appellanti, u peress li tqis dan l-appell bhala wiehed frivolu u vessatorju, fit-termini tal-artikolu 229(9) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, tikkundanna lill-istess appellanti ghall-hlas ta' spejjez doppji, f'kull kaz in solidum.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------